REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1777

tas-6 ta' Ottubru 2016

li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq importazzjonijiet ta' ċerta pjanċa tqila tal-azzar mhux illigat jew azzar illigat ieħor li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fit-13 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni dwar antidumping fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") ta' prodotti ċatti ta' azzar illigat jew mhux illigat (bl-esklużjoni tal-azzar inossidabbli, azzar tas-siliċju-elettriku, azzar tal-għodda u azzar għal veloċità għolja), b'laminazzjoni termali, mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, mhux f'kolji, bi ħxuna ta' aktar minn 10 mm u wisa' ta' 600 mm jew aktar jew bi ħxuna ta' 4,75 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 10 mm u wisa' ta' 2 050 mm jew aktar ("pjanċa tqila") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ") fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ([2]).("ir-Regolament bażiku").

(2) Il-Kummissjoni ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]) ("in-Notifika ta' Bidu").

(3) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fl-4 ta' Jannar 2016 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar, ("il-Eurofer" jew "l-ilmentatur") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' pjanċi tqal.

(4) L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u ta' dannu materjali li jirriżulta li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(5) Wara talba mill-ilmentatur, sostnuta bl-evidenza meħtieġa, fl-10 ta' Awwissu 2016 il-Kummissjoni ppubblikat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1357 ([4]) li bih għamlet l-importazzjonijiet ta' pjanċi tqal li joriġinaw mir-RPĊ soġġetti għar-reġistrazzjoni mill-11 ta' Awwissu 2016 ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni").

1.3. Il-partijiet interessati

(6) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għarrfet b'mod speċifiku lill-ilmentatur, lill-produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-awtoritajiet tar-RPĊ, lill-importaturi, il-fornituri u l-utenti, in-negozjanti u l-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jieħdu sehem.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21

([2]) Mill-20 ta' Lulju 2016, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ġie ssostitwit mir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.). Minn hawn 'il quddiem dan ir-Regolament se jissejjaħ "ir-Regolament bażiku".

([3]) ĠU C 58, 13.2.2016, p. 20.

([4]) ĠU L 215, 10.8.2016, p. 23.

(7) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

(8) Il-Kummissjoni għarrfet ukoll lill-produtturi fl-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, l-Indja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Malasja, il-Messiku, ir-Russja, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Ukrajna u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-bidu u stidnithom jieħdu sehem.

(9) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet interessati li kienet qiegħda tipprevedi l-użu tal-Istati Uniti tal-Amerika bħala l-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("pajjiż analogu") skont it-tifsira tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

(10) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkummentaw fuq kemma hija adatta l-għażla tal-pajjiż analogu u li jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali.

1.4. **Kampjunar**

(11) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun ta' produtturi esportaturi, produtturi mill-Unjoni u importaturi mhux relatati fl-Unjoni skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.4.1. *Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(12) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li hija kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-aktar volumi ta' bejgħ rappreżentattivi tal-prodott simili fil-perjodu tal-investigazzjoni filwaqt li żgurat firxa ġeografika.

(13) Dan il-kampjun provviżorju kien jikkonsisti fi tliet produtturi tal-Unjoni li jinsabu fi tliet Stati Membri differenti u kien ikopri 26 % mill-bejgħ totali tal-pjanċi tqal mill-produtturi tal-Unjoni li wieġbu għal dan l-eżerċizzju. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jagħtu l-kummenti tagħhom fuq dan il-kampjun provviżorju.

(14) L-ilmentatur u l-kumpanija kampjonata stess sostnew li ma kienx xieraq li Metinvest Trametal SpA ("Trametal") tkun inkluża fil-kampjun, peress li din il-kumpanija mhijiex maċinatur integrat iżda riromblatur ta' qatgħat tal-azzar mixtrija mingħand kumpanija relatata fl-Ukrajna u għalhekk allegatament ma kinitx rappreżentattiva tal-industrija tal-Unjoni.

(15) L-industrija tal-Unjoni tikkonsisti kemm f'maċinaturi integrati kif ukoll f'riromblaturi u dawn iż-żewġ tipi ta' produtturi tal-Unjoni huma fost dawk li ilmentaw. Madankollu l-maġġoranza vasta ta' pjanċi ħoxnin prodotti mill-industrija tal-Unjoni huma prodotti minn maċinaturi integrati.

(16) Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll li Trametal tikseb il-qatgħat, il-materjal ewlieni li tuża u li tipikament jammonta għal madwar 70 % tal-ispejjeż totali, mill-kumpanija relatata tagħha fl-Ukrajna. Għalhekk, b'mod partikolari l-indikaturi tal-kostijiet u l-profittabbiltà huma affettwati direttament minn din ir-relazzjoni, kif inhuma affettwati wkoll il-prestazzjoni u s-sitwazzjoni partikolari tal-kumpanija Ukrena li tforni l-qatgħat.

(17) Il-Kummissjoni tinnota madankollu li s-sitwazzjoni taż-żewġ tipi ta' produtturi tal-Unjoni — il-maċinaturi integrati u r-riromblaturi hija rifless bis-sħiħ fl-indikaturi makroekonomiċi deskritti fil-premessi (105) sa (124) hawn taħt.

(18) Għar-raġunijiet elenkati fil-premessi (14) sa (16) hawn fuq, il-Kummissjoni madankollu tikkunsidra proviżorjament li s-sitwazzjoni partikolari ta' Trametal mhijiex rappreżentattiva tal-industrija tal-Unjoni u li l-indikaturi mikroekonomiċi deskritti fil-premessi (125) sa (138) hawn taħt m'għandhomx ikunu affettwati minnha..

(19) Il-Kummissjoni sabet li dan il-kumment kien iġġustifikat u, wara li kkunsidrat l-informazzjoni preliminari għad-dispożizzjoni dwar id-dannu, biddlet lil Trametal ma' Ilsenburger Grobblech GmbH fil-kampjun, it-tieni l-ikbar produttur fl-Unjoni fi klassifikazzjoni skont il-volum ta' bejgħ fl-Unjoni fil-perjodu tal-investigazzjoni kif definit fil-premessa (28) hawn taħt.

(20) Fis-7 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni għamlet disponibbli għall-partijiet interessati nota li tispjega r-raġunijiet talbidla fil-kampjun u elenkat il-kumpaniji inklużi fil-kampjun rivedut. L-ebda waħda mill-partijiet interessati ma kkummentat fuq il-kampjun finali.

1.4.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(21) Il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu sabiex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ li jittieħed kampjun u, jekk iva, sabiex tagħżel il-kampjun.

(22) Sitt importaturi ressqu t-tagħrif mitlub u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Ġew kampjunati tlieta minnhom.

1.4.3. *Il-kampjunar ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ*

(23) Sabiex tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni staqsiet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lill-produtturi esportaturi li jistgħu jkunu interessati li jieħdu sehem fl-investigazzjoni.

(24) Erbatax-il produttur esportatur fir-RPĊ ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet kumpaniji bbażat fuq l-ikbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa u kkonċernati kollha, u l-awtoritajiet tar-RPĊ, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment u għaldaqstant il-kampjun kien ikkonfermat.

1.5. **Eżami individwali**

(25) Seba' produtturi esportaturi fir-RPĊ indikaw li xtaqu jitolbu eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. Madankollu, l-ebda wieħed minnhom ma wieġeb għall-kwestjonarju u, b'hekk, ma daħlet l-ebda talba għal eżami individwali.

1.6. **Tweġibiet għall-kwestjonarju**

(26) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa li huma konċernati u lill-kumpaniji kollha l-oħrajn li ppreżentaw ruħhom sal-iskadenzi taż-żmien stabbiliti fin-Notifika ta' Bidu. Daħlu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand tliet produtturi tal-Unjoni, sitt importaturi mhux relatati, għaxar utenti, grupp ta' ċentri tas-servizzi tal-azzar, it-tliet produtturi esportaturi kampjunati fir-RPĊ, u żewġ produtturi f'pajjiżi analogi differenti.

1.7. **Żjarat ta' verifika**

(27) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għal determinazzjoni provviżorja tad-dumping, tad-dannu li jirriżulta u tal-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-partijiet li ġejjin:

— Assoċjazzjoni:

  — Eurofer, Brussell, il-Belġju;

— Produtturi fl-Unjoni:

  — Aktiengesellschaft der Dillinger Hüttenwerke, Dillingen, il-Ġermanja

  — Ilsenburger Grobblech GmbH, Ilsenburg, il-Ġermanja

  — Tata Steel UK Ltd ([1]), Scunthorpe, ir-Renju Unit

([1]) Fil-11 ta' April 2016 Tata Steel biegħet in-negozju Long Products Europe tagħha li jinkludi pjanċi tqal lil Greybull Capital. B'riżultat ta' dan inħolqot British Steel.

— Produtturi esportaturi fir-RPĊ

— Nanjing Iron and Steel Co., Ltd.,

— Minmetals Yingkou Medium Plate Co., Ltd,

— Wuyang Iron and Steel Co., Ltd u Wuyang New Heavy & Wide Steel Plate Co., Ltd;

— Produttur fil-pajjiż analogu

— Bluescope Steel Awstralja, Port Kembla, l-Awstralja.

1.8. **Il-perjodu tal-investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat**

(28) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew il-"PI").

(29) L-analiżi tax-xejriet relevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopriet il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2012 u tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

2. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

2.1. **Il-prodott ikkonċernat**

(30) Il-prodott ikkonċernat huwa prodotti ċatti ta' azzar illigat jew mhux (bl-esklużjoni tal-azzar inossidabbli, azzar tas-siliċju-elettriku, azzar tal-għodda u azzar għal veloċità għolja), b'laminazzjoni termali, mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, mhux f'kolji, bi ħxuna ta' aktar minn 10 mm u wisa' ta' 600 mm jew aktar jew bi ħxuna ta' 4,75 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 10 mm u wisa' ta' 2 050 mm jew aktar, li fil-preżent jaqgħu fil-kodiċijiet NM ex 7208 51 20, ex 7208 51 91, ex 7208 51 98, ex 7208 52 91, ex 7208 90 20, ex 7208 90 80, 7225 40 40, ex 7225 40 60 u ex 7225 99 00 ("pjanċa tqila") u li joriġinaw mir-RPĊ.

(31) Il-pjanċa tqila tintuża fil-manifattura ta' tagħmir għall-bini, għall-estrazzjoni u għall-qtugħ tas-siġar għall-injam; reċipjenti taħt pressjoni; pipelines taż-żejt u tal-gass; bini ta' bastimenti u pontijiet u bini.

2.2. **Il-prodott simili**

(32) L-investigazzjoni uriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

(a) il-prodott ikkonċernat;

(b) il-prodott li huwa mmanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-Awstralja;

(c) il-prodott li huwa mmanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(33) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddeċidiet b'mod provviżorju li dawn il-prodotti huma prodotti simili skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.3. **Dikjarazzjonijiet rigward l-ambitu tal-prodott**

(34) Parti interessata minnhom argumentat li l-ambitu tal-prodott għandu definizzjoni wiesgħa wisq. B'mod partikolari, targumenta li l-ambitu tal-prodott għandu jkun limitat għall-hekk imsejħin "pjanċi tqal tal-komoditajiet", filwaqt li l-hekk imsejħin "pjanċi tqal speċjali" għandhom ikunu esklużi mid-definizzjoni tal-prodott. B'appoġġ tad-dikjarazzjoni tagħha, hija tuża primarjament żewġ argumenti.

(35) L-ewwel nett, targumenta li l-informazzjoni pprovduta fl-ilment fil-parti l-kbira hija marbuta mal-"pjanċi tqal tal-komoditajiet", li jgħoddu għall-maġġoranza tal-esportazzjonijiet mir-RPĊ. It-tieni, targumenta li l-ambitu tal-prodott huwa usa' mid-definizzjoni tal-prodott simili fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

(36) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li fl-istadju tal-ilment trid tiġi pprovduta biss biżżejjed evidenza li tikkonċerna d-dumping, id-dannu u rabta kawżali. Għaldaqstant, ma hemmx bżonn li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-firxa sħiħa tal-prodotti f'dan l-istadju. Il-limitar tal-analiżi għall-iktar gradi komuni mibjugħin esportati ma jfissirx li d-definizzjoni tal-prodott trid tkun limitata għal dawk it-tipi ta' prodotti.

(37) It-tieni, l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku jipprovdi li l-prodott simili jrid ikun l-istess jew jixbah ħafna l-prodott ikkunsidrat. Madankollu, dan ma jirreferix għad-definizzjoni tal-prodott ikkunsidrat bħala tali. Id-diversi tipi tal-prodott ikkunsidrati jridu sempliċiment ikollhom l-istess karatteristiċi bażiċi, li huwa l-każ kif spjegat fil-premessa (32) iktar 'il fuq.

(38) Il-parametri li allegatament jiddifferenzjaw bejn "pjanċi tqal speċjali" minn pjanċi tqal tal-komoditajiet huma l-kompożizzjoni kimika, il-kompożizzjoni mekkanika/teknoloġika, il-kundizzjoni tal-kunsinna, il-ħxuna u ċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjoni għal skopijiet ta' bini ta' bastimenti.

(39) Apparti l-ħxuna, l-ebda wieħed minn dawn il-parametri ma jikkonċerna l-proprjetajiet bażiċi tal-prodott. Il-parti targumenta li l-prodotti kollha bi ħxuna ta' > 50,8 mm għandhom ikunu esklużi mill-ambitu tal-prodott. B'appoġġ tal-limitu tal-ħxuna, l-uniku argument li ressqet il-parti huwa li l-ilment allegatament jiffoka biss fuq il-pjanċi tqal bi ħxuna ta' < 50,8 mm, peress li l-evidenza *prima facie* pprovduta f'wieħed mill-Annessi tal-ilment rigward il-kalkolu tad-dumping hija limitata għal dawn il-prodotti.

(40) Madankollu, jidher ċar li d-definizzjoni tal-prodott fl-ilment tkopri wkoll prodotti bi ħxuna ta' > 50,8 mm, peress li d-definizzjoni tal-prodott ma fiha l-ebda limitu massimu tal-ħxuna. Kif iddikjarat iktar 'il fuq, is-sempliċi raġuni li l-evidenza *prima facie* dwar id-dumping tkopri biss l-iktar tipi ta' prodott esportati komuni ma jfissirx li d-definizzjoni tal-prodott hija limitata għal dawk it-tipi.

(41) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi b'mod provviżorju li d-definizzjoni tal-prodott titħalla kif inhi.

3. **DUMPING**

3.1. **Il-valur normali**

3.1.1. *Trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES")*

(42) Kif stipulat fl-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, jekk produttur esportatur fir-RPĊ jikkonforma mal-kriterji fl-Artikolu 2(7)(c) u għaldaqstant jingħata TES, il-Kummissjoni mbagħad tiddetermina l-valur normali għal dik il-kumpanija skont l-Artikoli 2(1) sa (6).

(43) Il-Kummissjoni bagħtet formola ta' pretensjoni ta' TES lill-produtturi esportaturi kampjunati kollha sabiex ikunu jistgħu jitolbu li għandhom jingħataw TES. L-ebda wieħed minnhom ma rritorna l-formola ta' pretensjoni u għalhekk l-ebda wieħed minnhom ma seta' jingħata TES.

3.1.2. *Il-pajjiż analogu*

(44) Għaldaqstant il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew il-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq kif stipulat fl-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, ried jintgħażel pajjiż analogu.

(45) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni indikat li kienet ipprevediet li tuża lill-Istati Uniti tal-Amerika bħala l-pajjiż analogu u stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw. Ma wasal l-ebda kumment.

(46) Il-kwestjonarji ntbagħtu lill-produtturi magħrufin kollha tal-pjanċa tqila fil-pajjiżi msemmijin fil-premessa (8) iktar 'il fuq, u waslu żewġ tweġibiet: waħda mingħand produttur fl-Awstralja u waħda mingħand produttur fl-Istati Uniti tal-Amerika.

(47) It-tweġiba mill-produttur fl-Istati Uniti tal-Amerika weriet evidenza tal-produzzjoni u l-bejgħ fis-suq domestiku tal-Istati Uniti.

(48) Fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju, il-produttur mill-Istati Uniti għarraf lill-Kummissjoni li d-dazju doganali normali tal-Istati Uniti fuq l-importazzjonijiet tal-pjanċa tqila huwa żero. Jeżistu dazji antidumping fuq importazzjonijiet mir-RPĊ kif ukoll dazji antidumping u dazji antisussidji fuq importazzjonijiet mill-Indja, mill-Indoneżja u mir-Repubblika tal-Korea.

(49) Hemm 7 produtturi mill-Istati Uniti fis-suq domestiku tal-Istati Uniti, u l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea, mill-Ġermanja, minn Franza u mill-Kanada għandhom sehem mis-suq ta' 20 %.

(50) It-tweġiba mill-produttur mill-Awstralja kien fiha evidenza tal-produzzjoni u l-bejgħ fis-suq domestiku Awstraljan, u li huwa l-uniku produttur fl-Awstralja. Madankollu, l-importazzjonijiet fl-Awstralja għandhom sehem mis-suq ta' 35 %. Dazji antidumping huma fis-seħħ fuq importazzjonijiet mir-RPĊ, mill-Indoneżja, mill-Ġappun, mir-Repubblika tal-Korea u mit-Tajwan, iżda dawn id-dazji huma baxxi u għal ċerti kumpaniji huma żero.

(51) Is-suq domestiku Awstraljan jista' jitqies li huwa aktar kompetittiv għaliex l-importazzjonijiet jieħdu sehem akbar mis-suq u d-dazji fuq l-importazzjonijiet huma inqas.

(52) B'hekk, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Awstralja kienet pajjiż analogu xieraq skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

3.1.3. *Il-valur normali*

(53) L-informazzjoni li waslet mingħand il-produttur li kkoopera fil-pajjiż analogu ntużat bħala bażi għad-determinazzjoni tal-valur normali għall-produtturi esportaturi li ma ngħatawx TES, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

(54) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-produttur li kkoopera fil-pajjiż analogu kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku.

(55) Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili mill-produttur tal-pajjiż analogu għall-klijenti indipendenti fis-suq domestiku jkun jirrappreżenta tal-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ b'esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni ta' kull produttur esportatur kampjunat fir-RPĊ matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(56) Fuq din il-bażi, il-bejgħ totali tal-produttur tal-prodott simili li kkoopera fis-suq domestiku tal-pajjiż analogu kien rappreżentattiv.

(57) Imbagħad il-Kummissjoni identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħa f'livell domestiku li kienu identiċi jew paragunabbli għat-tipi tal-prodott mibjugħa għall-esportazzjoni fl-Unjoni mill-produtturi esportaturi fil-kampjun.

(58) Imbagħad il-Kummissjoni eżaminat jekk il-bejgħ domestiku mill-produttur tal-pajjiż analogu fis-suq domestiku tiegħu għal kull tip ta' prodott li kien identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni minn kull produttur esportatur fil-kampjun fir-RPĊ kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku.

(59) Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil konsumaturi indipendenti matul il-perjodu tal-investigazzjoni jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni minn kull produttur esportatur fil-kampjun fir-RPĊ lejn l-Unjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli.

(60) Il-Kummissjoni sabet li whud mit-tipi ta' prodotti kienu rappreżentattivi fuq din il-bażi, iżda oħrajn ma kinux, jew minħabba kwantitajiet baxxi jew għaliex it-tip ta' prodott esportat ma kienx jinbiegħ b'mod domestiku mill-produttur tal-pajjiż analogu.

(61) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefinixxiet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lill-konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni biex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(62) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dan il-bejgħ irendix profitt jew le, jekk:

(1) il-volum tal-bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-ispiża kkalkolata tal-produzzjoni, jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; kif ukoll

(2) il-prezz tal-bejgħ medju ponderat ta' dak it-tip ta' prodott huwa daqs jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni ta' unità.

(63) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(64) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku attwali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku profittabbli tat-tipi ta' prodotti biss, matul il-perjodu tal-investigazzjoni, jekk:

(1) il-volum tal-bejgħ bi profitt tat-tip tal-prodott jirrappreżenta 80 % jew inqas mill-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip; jew

(2) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott huwa inqas mill-kost tal-produzzjoni għal kull unità.

(65) Meta prodott ma jkunx inbiegħ fi kwantitajiet rappreżentattivi jew mhux mibjugħ affattu jew il-bejgħ kollu sar bit-telf fis-suq domestiku mill-produttur tal-pajjiż analogu, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

(66) Għal kull tip ta' prodott mhux mibjugħ fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-valur normali nħadem billi żdiedu l-ispejjeż medji għall-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A — selling, general, administrative) u l-profitt tat-tranżazzjonijiet li saru matul il-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku għal kull wieħed minn dawk it-tipi mal-kost medju tal-produzzjoni tagħhom.

(67) Għal tipi ta' prodotti mhux mibjugħin affattu jew li l-bejgħ kollu tagħhom sar bit-telf fis-suq domestiku, il-valur normali nħadem billi żdiedu l-ispejjeż medji għall-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A) u l-profitt li saru matul il-perkors normali tan-negozju tal-prodott simili fis-suq domestiku mal-kost medju tal-produzzjoni ta' kull tip.

(68) F'każ li fih tip ta' prodott ma kienx inbiegħ affattu fis-suq domestiku tal-pajjiż analogu, il-kost tal-produzzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-kost tal-eqreb irħas tip.

3.2. **Il-prezz tal-esportazzjoni**

(69) Il-prezz tal-esportazzjoni ġie vverifikat għal kull produttur esportatur fil-kampjun matul iż-żjara tal-verifika. Meta saret l-esportazzjoni lejn l-Unjoni lill-ewwel klijent mhux relatata direttament jew permezz ta' kumpanija tan-negozjar relatata, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li tħallas realment jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(70) Wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun esporta l-pjanċa tqila permezz ta' importatur relatat fl-Unjoni. Il-prezz tal-esportazzjoni għal dak il-bejgħ inħadem skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

3.3. **Tqabbil**

(71) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali mill-produttur tal-pajjiż analogu u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.

(72) Fejn iġġustifikata mill-ħtieġa li jiġi żgurat paragun ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għal kostijiet marbutin mat-trasport, l-immaniġġjar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari, it-taxxi indiretti, il-kummissjonijiet, il-kostijiet tal-kreditu u t-tariffi tal-bank.

(73) Għal dawk il-produtturi esportaturi fil-kampjun li biegħu lill-Unjoni permezz ta' kumpaniji tan-negozjar relatati b'funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent li jaħdem fuq bażi tal-kummissjonijiet, sar aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku.

3.4. **Marġnijiet tad-dumping**

(74) Għall-produtturi esportaturi fil-kampjun li kkooperaw, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott konċernat, skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(75) Fuq il-bażi ta' dan, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati proviżorji espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF (l-assigurazzjoni tal-kost u l-merkanzija) fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Tabella 1

Il-kampjun tal-marġnijiet tad-dumping

Il-kumpanija	Il-marġni provviżorju tad-dumping
Nanjing Iron and Steel Co., Ltd.	120,1 %
Minmetals Yingkou Medium Plate Co., Ltd	126,0 %
Wuyang Iron and Steel Co., Ltd u Wuyang New Heavy & Wide Steel Plate Co., Ltd	127,6 %

(76) Għall-produtturi esportaturi li ma kinux inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat tal-produtturi esportaturi fil-kampjun, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku.

(77) Fuq il-bażi ta' dan, il-marġini tad-dumping provviżorju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma kinux inklużi fil-kampjun kien ta' 125,5 %.

(78) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-RPĊ, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-marġini tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(79) L-ewwel il-Kummissjoni stabbilixxiet il-livell ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa bbażat fuq il-volum tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw bħala perċentwal tal-volum totali tal-esportazzjonijiet — kif irrapportat fl-istatistika dwar l-importazzjoni tal-Eurostat — mir-RPĊ lejn l-Unjoni.

(80) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw jammontaw għal madwar 87 % tal-esportazzjonijiet totali lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibbaża l-marġni tad-dumping għall-kumpaniji kollha l-oħrajn fil-livell tal-kumpanija fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping.

(81) Il-marġnijiet provviżorji tad-dumping, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Tabella 2

Il-marġnijiet tad-dumping kollha

Il-kumpanija	Il-marġni provviżorju tad-dumping
Nanjing Iron and Steel Co., Ltd.	120,1 %
Minmetals Yingkou Medium Plate Co., Ltd	126,0 %
Wuyang Iron and Steel Co., Ltd u Wuyang New Heavy & Wide Steel Plate Co., Ltd	127,6 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw mhux fil-kampjun	125,5 %
Il-kumpaniji kollha l-oħrajn	127,6 %

4. ID-DANNU

4.1. Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(82) Il-prodott simili kien manifatturat minn 30 produttur fl-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Huma jikkostitwixxu "l-industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(83) 26 minnhom ikkooperaw fl-eżerċizzju tal-kampjunar. Dawn il-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw jirrappreżentaw madwar 94 % tal-produzzjoni industrijali totali tal-Unjoni u l-bejgħ industrijali totali tal-Unjoni tal-prodott simili fil-perjodu tal-investigazzjoni.

(84) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili matul il-perjodu tal-investigazzjoni huwa ta' madwar 10,3 miljun tunnellata. Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-figura fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli kollha dwar l-industrija tal-Unjoni bħall-ilment, it-tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni kampjunati u s-sottomissjoni verifikata mill-Eurofer.

(85) Kif indikat fil-premessa (1) iktar 'il fuq, intgħażlu tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li jirrappreżentaw 28,5 % tal-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni u l-volum tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

4.2. Il-konsum tal-Unjoni

(86) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum tal-Unjoni fuq il-bażi tal-istatstiki dwar l-importazzjoni tal-Eurostat u d-dejta verifikata dwar il-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni.

(87) Il-konsum tal-Unjoni tal-pjanċa tqila żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Il-konsum tal-Unjoni (MT)

	2012	2013	2014	PI (2015)
Il-konsum totali tal-UE (MT)	8 991 777	8 423 747	8 820 363	9 467 177
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*94*	*98*	*105*

Sors: Eurostat, sottomissjoni verifikata tal-Eurofer u tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju

(88) Il-konsum tal-Unjoni żdied b'5 % matul il-perjodu kkunsidrat. Analiżi sena b'sena turi tnaqqis inizjali ta' 6 % bejn l-2012 u l-2013 u rkupru sussegwenti fl-2014 u l-perjodu tal-investigazzjoni ta' 11-il punt perċentwali jew iktar minn miljun (1) tunnellata.

(89) L-użu ristrett mill-produtturi tal-Unjoni huwa insinifikanti peress li jammonta għal inqas minn 0,5 % tal-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Għaldaqstant, l-indikaturi tad-dannu huma vvalutati għas-suq sħiħ tal-Unjoni, inklużi kwantitajiet użati b'mod ristrett mill-produtturi tal-Unjoni.

4.3. Il-volum u l-ishma mis-suq tal-importazzjonijiet

(90) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tal-bażi tad-dejta tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit billi tqabblu l-volumi tal-importazzjonijiet mal-konsum tal-Unjoni kif muri fit-tabella 3 tal-premessa (87) aktar 'il fuq.

(91) L-importazzjonijiet ta' pjanċi tqal fl-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Il-volum tal-importazzjonijiet (MT) u s-sehem mis-suq

	2012	2013	2014	PI (2015)
Il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ(MT)	410 583	343 545	693 117	1 359 143
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*84*	*169*	*331*
Is-sehem mis-suq tar-RPĊ	4,6 %	4,1 %	7,9 %	14,4 %
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*89*	*172*	*314*

Sors: Eurostat, sottomissjoni verifikata tal-Eurofer u tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju

(92) Il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni żdied b'231 % matul il-perjodu kkunsidrat. Wara tnaqqis ta' 16 % bejn l-2012 u l-2013, l-importazzjonijiet mir-RPĊ irpiljaw sostanzjalment fl-2014 b'85 punt perċentwali u żdiedu saħansitra aktar fil-perjodu tal-investigazzjoni b'162 punt perċentwali ieħor.

(93) It-tnaqqis inizjali fl-esportazzjonijiet mir-RPĊ bejn l-2012 u l-2013 kien xprunat mill-konsum dejjem inqas fis-suq tal-Unjoni kif muri fit-tabella 3 tal-premessa (87) aktar 'il fuq. Wara l-2013, is-suq tal-Unjoni ra żieda dinamika, u kiber b'iktar minn miljun (1) tunnellata bejn l-2013 u l-perjodu tal-investigazzjoni. Dan it-tkabbir kien assorbit b'mod kważi esklussiv mill-importazzjonijiet mir-RPĊ, li wkoll żdiedu b'miljun (1) tunnellata matul dan il-perjodu.

(94) B'mod parallel, is-sehem mis-suq tal-Unjoni li kellhom l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdied b'iktar mit-tripplu minn 4,6 % fl-2012 għal 14,4 % fil-perjodu tal-investigazzjoni.

4.3.1. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u t-twaqqigħ tal-prezz*

(95) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tad-dejta tal-Eurostat. Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet tal-pjanċi tqal lejn l-Unjoni mir-RPĊ żviluppa hekk:

Tabella 5

Il-prezz tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2012	2013	2014	PI (2015)
Il-prezz tal-importazzjoni mir-RPĊ	647	539	488	460
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*83*	*75*	*71*

Sors: Eurostat

(96) Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni mir-RPĊ naqsu b'29 % matul il-perjodu kkunsidrat. Kien hemm tnaqqis kostanti minn EUR 647/tunnellata fl-2012 għal EUR 460/tunnellata matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(97) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu tal-investigazzjoni billi qabblet:

(1) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tat-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun debitati lill-konsumaturi mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ta' prezz mill-fabbrika; kif ukoll

(2) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti fil-livell CIF fil-fruntiera tal-Unjoni għal kull tip tal-prodott tal-importazzjonijiet mit-tliet prodotturi fil-kampjun fir-RPĊ lill-ewwel konsumatur indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi CIF, b'aġġustamenti xierqa għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(98) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, aġġustati kif dovut meta meħtieġ, u wara t-tnaqqis tar-roħs u l-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil ingħata bħala perċentwal tal-fatturat tat-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(99) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, instab li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' 29 %.

4.4. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(100) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżaminazzjoni tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fl-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(101) Għad-determinazzjoni tad-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-danni makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi.

(102) Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi (il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, l-impjiegi, il-kostijiet lavorattivi, it-tkabbir, il-produttività u d-daqs tal-marġnijiet tad-dumping u l-irkupru mid-dumping fl-imgħoddi) fil-livell tal-industrija kollha tal-Unjoni. Il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq l-informazzjoni li pprovdew l-ilmentatur, il-produtturi tal-Unjoni u l-istatistiki uffiċjali disponibbli (Eurostat). Id-dejta makroekonomika marbuta mal-produtturi kollha tal-Unjoni.

(103) Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi (il-prezzijiet medji tal-bejgħ ta' unità, il-kost unitarju, l-inventarji, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-ħila li jiġi ġġenerat kapital) fuq il-bażi tad-dejta li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, verifikati kif xieraq, u l-istatistiki uffiċjali disponibbli (Eurstat). Id-dejta relatata mal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(104) Il-Kummissjoni tosserva li wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun issospenda l-produzzjoni tal-pjanċi tqal f'Diċembru tal-2015. Din is-sospensjoni ma għandha l-ebda impatt fuq xi indikatur tad-dannu peress li seħħet fi tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni u, għalhekk, iż-żewġ settijiet tad-dejta nstabu li huma rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(105) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 6

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2012	2013	2014	PI (2015)
Il-volum tal-produzzjoni (tunnellati)	11 795 082	10 352 766	10 911 713	10 345 121
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*88*	*93*	*88*
Il-kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	16 972 100	16 410 487	16 646 634	16 618 427
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*97*	*98*	*98*
L-użu tal-kapaċità	69 %	63 %	66 %	62 %
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*91*	*94*	*90*

Sors: Sottomissjoni verifikata tal-Eurofer u tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju

(106) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 12 % fil-perjodu kkunsidrat. Wara tnaqqis ta' 12 % bejn l-2012 u l-2013, il-volum tal-produzzjoni żdied ftit fl-2014 b'5 punti perċentwali sabiex reġa' niżel fl-2015 b'5 punti perċentwali lura għal-livell tal-2013.

(107) It-tnaqqis inizjali fil-volum tal-produzzjoni bejn l-2012 u l-2013 kien xprunat mill-konsum dejjem inqas fis-suq tal-Unjoni kif irrapportat fit-Tabella 3 tal-premessa (87) iktar 'il fuq. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika mit-tkabbir sussegwenti fil-konsum bejn l-2013 u l-perjodu tal-investigazzjoni. Filwaqt li l-konsum żdied bi 11 % jew iktar minn miljun (1) tunnellata, il-produzzjoni mill-industrija tal-Unjoni żdiedet b'mod temporanju bi ftit biss fl-2014 u reġgħet niżlet għal-livell baxx tal-2013 fil-perjodu tal-investigazzjoni.

(108) Iċ-ċifri tal-kapaċità tal-produzzjoni rapportati tal-industrija tal-Unjoni jirreferu għall-kapaċità teknika, li timplika li tqiesu l-aġġustamenti, meqjusin bħala standards mill-industrija, għaż-żmien meħtieġ għall-istabbiliment, il-manutenzjoni, l-ostakoli u perjodi normali oħra ta' waqfien.

(109) Fuq din il-bażi, il-kapaċità tal-produzzjoni naqset b'mod moderat bi 2 % tul il-perjodu kkunsidrat f'suq li kiber b'6 % matul l-istess perjodu.

(110) Peress li t-tnaqqis fil-kwantità tal-produzzjoni tisboq it-tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni naqas b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.4.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(111) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 7

Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

	2012	2013	2014	PI (2015)
Il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	7 518 049	6 972 140	6 873 967	6 954 688
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*93*	*91*	*93*
Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni	83,6 %	82,8 %	77,9 %	73,5 %
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*99*	*93*	*88*

Sors: Sottomissjoni verifikata tal-Eurofer u tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju

(112) Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'7 % matul il-perjodu kkunsidrat. Wara tnaqqis ta' 7 % bejn l-2012 u l-2013 u saħansitra tnaqqis ieħor fl-2014 b'2 punti perċentwali, il-volum tal-bejgħ żdied bi ftit b'2 punti perċentwali fil-perjodu tal-investigazzjoni.

(113) B'mod simili għall-iżvilupp tal-kwantità tal-produzzjoni, it-tnaqqis inizjali fil-kwantità tal-bejgħ bejn l-2012 u l-2013 kien xprunat mill-konsum dejjem inqas fis-suq tal-Unjoni kif spjegat fil-premessa (87) aktar 'il fuq. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika mit-tkabbir sussegwenti fil-konsum bejn l-2013 u l-perjodu tal-investigazzjoni. Filwaqt li l-konsum tal-Unjoni żdied b'iktar minn miljun (1) tunnellata, il-kwantità tal-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni baqa' fil-livell baxx tal-2013.

(114) Minħabba li l-kwantità tal-bejgħ naqset b'7 % b'suq li kiber b'5 %, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 12 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.4.2.3. L-impjiegi u l-produttività

(115) L-impjiegi u l-produttività tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 8

L-impjiegi u l-produttività

	2012	2013	2014	PI (2015)
L-għadd ta' impjegati (impjiegi full-time/FTE)	22 622	20 920	19 688	18 722
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*92*	*87*	*83*
Il-produttività (tunnellata/FTE)	521	495	554	553
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*95*	*106*	*106*

Sors: Sottomissjoni verifikata tal-Eurofer u tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju

(116) L-industrija tal-Unjoni naqqset il-livell ta' impjiegi bi 17 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan it-tnaqqis kellu żewġ raġunijiet ewlenin:

— It-tnaqqis ta' 12 % fil-volumi ta' produzzjoni kkaġunat minn kwantitajiet dejjem ikbar ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ;

— L-isforzi tal-industrija tal-Unjoni sabiex tnaqqas il-kostijiet tal-produzzjoni u tiggwadanja l-effiċenza fid-dawl tal-kompetizzjoni dejjem akbar mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ. Dawn il-gwadanji fl-effiċjenza żiedu l-produttività b'6 %.

(117) Il-Kummissjoni tosserva li l-konsum fis-suq tal-Unjoni żdied b'5 % matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, fin-nuqqas ta' volumi dejjem ikbar ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ, l-industrija tal-Unjoni kienet tkun tista' żżomm l-impjiegi peress li l-gwadanji fl-effiċjenza kienu jkunu assorbiti mid-domanda akbar.

4.4.2.4. Il-kostijiet lavorattivi

(118) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull FTE (Ekwivalenti għall-full time)

	2012	2013	2014	PI (2015)
Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull FTE (EUR)	49 257	51 594	51 589	55 542
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*105*	*105*	*113*

Sors: Sottomissjoni verifikata tal-Eurofer u tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju

(119) Minħabba t-tnaqqis sostanzjali fil-manodopera kif irrapportat fil-premessa (115) aktar 'il fuq, il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat żdied bi 13 % matul il-perjodu kkunsidrat. Fil-fatt, filwaqt li ċerta parti mill-kost lavorattiv akbar hija marbuta ma' żidiet obbligatorji fil-pagi minħabba ftehimiet ta' negozjar kollettiv, dan il-kost lavorattiv akbar huwa kkaġunat fil-parti l-kbira tiegħu mill-kostijiet marbutin mat-tnaqqis tal-forza tax-xogħol u l-ħinijiet tax-xogħol. Kostijiet bħal dawn jinkludu pagamenti għall-għoti tas-sensja u l-kost akbar imġarrab f'sitwazzjonijiet ta' xogħol part-time minħabba anqas produzzjoni kkaġunata minn kwantitajiet ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping li bdew jiżdiedu b'mod kostanti.

4.4.2.5. It-tkabbir

(120) Għall-ewwel il-konsum tal-Unjoni naqas mill-2012 għall-2013 b'6 % jew bi kważi 600 000 tunnellata. Dan it-tnaqqis inizjali kellu impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-bejgħ u l-kwantitajiet tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(121) Bejn l-2013 u l-perjodu tal-investigazzjoni, is-sitwazzjoni kienet differenti. Il-konsum tal-Unjoni ra tkabbir dinamiku ta' 11-il punt perċentwali jew iktar minn miljun (1) tunnellata. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika minn dan it-tkabbir dinamiku. Tabilħaqq, il-produzzjoni u l-kwantitajiet tal-bejgħ baqgħu fil-livelli baxxi ħafna tal-2013. It-tkabbir tas-suq tal-Unjoni kien assorbit għalkollox minn kwantitajiet dejjem ikbar ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet baxxi mir-RPĊ li bl-istess mod żdiedu b'iktar minn miljun (1) tunnellata bejn l-2013 u l-perjodu tal-investigazzjoni, kif muri fil-premessa (91) aktar 'il fuq.

4.4.2.6. Id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping fl-imgħoddi

(122) Il-marġnijiet tad-dumping tal-prodotturi esportaturi kollha mir-RPĊ qabżu l-100 %. L-impatt tad-daqs ta' dawn il-marġnijiet ferm għoljin tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien serju, meta jitqies il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ.

(123) Fl-2000, il-Kunsill impona dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti llaminati bis-sħana tal-azzar mhux illigat li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Indja u r-Rumanija. Dawn il-miżuri kienu jkopru ambitu ta' prodott simili ħafna għal dak tal-investigazzjoni attwali. Dawn il-miżuri skadew fil-11 ta' Awwissu 2005.

(124) Kif indikat fil-premessa (221) hawn taħt, l-industrija tal-Unjoni kisbet profittabilità li taqbeż il-profitt fil-mira. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi b'mod provviżorju li l-industrija tal-Unjoni rkuprat mid-dumping tal-imgħoddi.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(125) Il-prezzijiet tal-bejgħ tal-unitajiet medji ponderati lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni u l-kost unitarju tal-produzzjoni tal-prodotturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 10

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2012	2013	2014	PI (2015)
Il-prezz tal-bejgħ (EUR/tunnellata)	821	691	658	617
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*84*	*80*	*75*
Il-kost tal-produzzjoni ta' unità (EUR/tunnellata)	836	784	705	680
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*94*	*84*	*81*

Sors: Tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju.

(126) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-prodotturi tal-Unjoni fil-kampjun issoktaw jonqsu b'25 %, filwaqt li l-kost unitarju medju tal-produzzjoni ssokta jonqos bi 19 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezzijiet tal-bejgħ bdew jonqsu b'rata akbar u bħala medja, baqgħu b'dejjem anqas mill-kost unitarju tal-produzzjoni.

(127) Sabiex jiġi limitat it-telf fis-sehem mis-suq, il-prodotturi tal-Unjoni kellhom jimitaw it-tnaqqis fil-prezz u jnaqqsu l-prezz tal-bejgħ tagħhom b'mod sinifikanti. It-tnaqqis fil-prezz jisboq b'mod sinifikanti t-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni tagħhom, li rriżulta primarjament mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima matul il-perjodu kkunsidrat u l-gwadanji fil-produttività miksubin permezz tat-tnaqqisiet fil-forza tax-xogħol kif muri fil-premessa (115) aktar 'il fuq.

4.4.3.2. Inventarji

(128) Il-livelli tal-istokk tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

L-inventarji

	2012	2013	2014	PI (2015)
L-istokkijiet tal-għeluq (tunnellati)	224 600	228 325	246 532	282 631
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*102*	*110*	*126*
L-istokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	9 %	10 %	10 %	12 %
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*109*	*111*	*135*

Source: Tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju.

(129) Il-livell ta' stokkijiet tal-għeluq tat-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun issoktaw jiżdiedu b'26 % matul il-perjodu kkunsidrat. Fl-istess ħin, il-livell tal-istokkijiet tal-għeluq tagħhom bħala perċentwal tal-produzzjoni ssokta jiżdied b'35 % ukoll.

(130) Ir-raġuni ewlenija għaż-żieda fl-inventarji kienet li minkejja li l-industrija tal-Unjoni pprovat tipprevjeni t-tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni, il-volumi tal-bejgħ naqsu saħansitra b'ħeffa akbar peress li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika mit-tkabbir tas-suq minħabba l-volumi dejjem ikbar ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet baxxi.

4.4.3.3. Il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investiment, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

(131) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi esprimiet it-telf nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lill-konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(132) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2012	2013	2014	PI (2015)
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati (% tal-fatturat tal-bejgħ)	1,6 %	– 12,2 %	– 4,4 %	– 10,4 %
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*– 773*	*– 280*	*– 658*
Il-fluss tal-flus ('000 EUR)	52 449	– 109 945	19 964	– 66 035
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*– 210*	*38*	*– 126*
L-investimenti ('000 EUR)	209 128	224 431	170 108	143 420
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*107*	*81*	*69*

	2012	2013	2014	PI (2015)
Ir-redditu fuq l-investiment	7,6 %	– 22,4 %	– 2,2 %	– 13,7 %
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*– 297*	*– 29*	*– 182*

Sors: Tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju.

(133) Il-profittabilità naqset b'758 % matul il-perjodu kkunsidrat. Wara li raw profitt ta' 1,6 % fl-2012, il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun bdew jagħmlu telf fis-snin ta' wara kollha.

(134) Filwaqt li t-telf kbir ta' 12,2 % fl-2013 huwa influwenzat mid-domanda partikolarment baxxa f'dik is-sena, il-pressjoni konsiderevoli fuq il-prezzijiet u l-volumi eżerċitata fuq l-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet dejjem aktar mir-RPĊ matul l-2014 u l-perjodu tal-investigazzjoni ma ħallewx lill-industrija tibbenefika mit-tkabbir dinamiku tal-konsum tal-Unjoni bi 11-il punt perċentwali. Kif indikat fil-premessa (93) aktar 'il fuq, dan it-tkabbir kien assorbit kważi għalkollox mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ.

(135) Il-fluss tal-flus nett jirrappreżenta l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw huma stess l-attivitajiet tagħhom. Il-fluss tal-flus naqas b'226 % matul il-perjodu kkunsidrat. Wara t-tnaqqis ta' 310 % bejn l-2012 u l-2013, li kien influwenzat mid-domanda partikolarment baxxa f'dik is-sena, tjieb u ġie ftit pożittiv fl-2014. Minkejja dan, ix-xejra negattiva kompliet matul il-perjodu tal-investigazzjoni, fejn reġa' qaleb ferm fin-negattiv.

(136) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Ir-redditu fuq l-investimenti naqas b'282 % matul il-perjodu kkunsidrat. Wara t-tnaqqis drammatiku ta' 397 % bejn l-2012 u l-2013, li kien influwenzat mid-domanda partikolarment baxxa f'dik is-sena, żdied xi ftit matul l-2014 u l-perjodu tal-investigazzjoni iżda xorta waħda baqa' negattiv.

(137) Konsegwentement, l-industrija tal-Unjoni naqqset il-livell ta' investimenti tagħha b'31 % matul il-perjodu kkunsidrat. Wara li żiedet l-investimenti bejn l-2012 u l-2013 b'7 %, l-industrija tal-Unjoni kienet imġiegħla tnaqqashom fl-2014 b'26 punt perċentwali u matul il-perjodu tal-investigazzjoni bi 12-il punt perċentwali ieħor. Kif muri fit-tabella 6 tal-premessa (105) aktar 'il fuq, dawn l-investimenti ma ntużawx sabiex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni.

(138) Il-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital kienet affettwata mit-telf imġarrab matul il-perjodu kkunsidrat u finalment sarrfet fil-waqfien tal-operazzjonijiet ta' produttur tal-Unjoni minnhom fil-kampjun.

4.4.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(139) Il-perjodu kkunsidrat huwa kkaratterizzat minn żewġ perjodi partikolari: L-2012 sal-2013 u l-2014 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni.

(140) Għall-ewwel, bejn l-2012 u l-2013, il-konsum tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti b'6 %. Dan il-konsum li baqa' jonqos kellu effett negattiv fuq ħafna indikaturi tad-dannu, bħall-volum u l-prezzijiet tal-bejgħ, il-produzzjoni, il-kapaċità u l-użu tal-kapaċità, l-impjiegi, il-produttività, il-profittabilità, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investimenti.

(141) Imbagħad, fl-2014 u fil-perjodu tal-investigazzjoni l-konsum tal-Unjoni ra tkabbir dinamiku ta' 11-il punt perċentwali jew aktar minn miljun (1) tunnellata. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika minn dan it-tkabbir, li kien assorbit għalkollox mill-volumi dejjem akbar ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ.

(142) Tabilħaqq, f'dan il-kuntest ta' konsum ikbar tal-Unjoni, l-industrija tal-Unjoni ma rnexxilhiex iżżid il-volumi tal-bejgħ jew il-volumi tal-produzzjoni, filwaqt li l-użu tal-kapaċità saħansitra naqas bi ftit f'suq li kien qiegħed jikber.

(143) It-tentattivi li saru sabiex jinżammu l-livelli tal-produzzjoni rriżultaw f'żieda fl-inventarji ta' 24 punt perċentwali. L-industrija tal-Unjoni tilef ukoll 9,3 punti perċentwali mis-sehem fis-suq minħabba l-importazzjonijiet mir-RPĊ li fl-istess ħin iggwadanjaw 10,3 punti perċentwali fis-sehem mis-suq. Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità naqsu b'9 punti perċentwali u l-kost tal-produzzjoni naqas bi 13-il punt perċentwali.

(144) Dan wassal għal titjib żgħir fl-indikaturi finanzjarji bħall-profittabilità, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investiment, li madankollu baqgħu fil-parti l-kbira negattivi matul dan il-perjodu. L-impjiegi żdiedu b'9 punti perċentwali, filwatq li l-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżid il-produttività bi 11-il punt perċentwali. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni kellha tnaqqas l-investimenti bi 38 punt perċentwali fid-dawl tal-profittabilità u redditu fuq l-investiment konsistentement negattivi.

(145) B'mod ġenerali, l-industrija tal-Unjoni sħiħa naqqset il-produzzjoni tagħha u ħadet azzjonijiet propji sabiex ittejjeb l-effiċjenza billi naqqset il-forza tax-xogħol, il-kapaċità tal-produzzjoni u rnexxielha tnaqqas b'mod sinifikanti l-kostijiet tal-manifattura tagħha.

(146) Minkejja dawn l-azzjonijiet mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat sabiex ittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tagħha, is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tagħha kompliet tmur għall-agħar peress li mill-2013 'il quddiem beda jakkumula t-telf.

(147) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, il-Kummissjoni f'dan l-istadju kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. IL-KAWŻALITÀ

(148) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħrajn setgħux kienu fl-istess ħin ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(149) Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħrajn barra l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: kompetizzjoni ħarxa kkaġunata minn problemi fid-domanda fis-suq tal-Unjoni, użu baxx tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni, importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, il-prestazzjoni tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni u l-kompetizzjoni bejn produtturi integrati vertikalment u riromblaturi.

5.1. L-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

(150) Il-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi esportaturi mir-RPĊ naqsu b'25 % minn EUR 647/tunnellata fl-2012 għal EUR 460/tunnellata matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Billi baxxew kontinwament il-prezz tal-bejgħ għal kull unità tagħhom matul il-perjodu kkunsidrat, il-produtturi mir-RPĊ setgħu jżidu b'mod sinifikanti s-sehem mis-suq tagħhom minn 4,6 % fl-2012 għal 14,4 % fil-perjodu tal-investigazzjoni.

(151) Filwaqt li t-tnaqqis fid-domanda affettwa b'mod negattiv il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni bejn l-2012 u l-2013, iż-żieda sussegwenti, kważi kontinwa, fl-importazzjonijiet mir-RPĊ li jwaqqgħu bil-kbir il-prezzijiet kellha effett negattiv ċar fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(152) Tabilħaqq, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tnaqqas il-kostijiet tagħha billi tnaqqas l-impjiegi u tibbenefika mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping baqgħu jiżdiedu u ġieħlu lill-industrija tal-Unjoni tnaqqas saħansitra iktar il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha fl-Unjoni sabiex tillimita t-telf mis-sehem tagħha tas-suq, għad li għad-detriment tal-profittabilità.

(153) Barra minn hekk, il-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni wriet titjib żgħir billi fl-2014 it-telf naqas, il-volum tal-importazzjonijiet żdied iktar u l-prezzijiet komplew jonqsu fil-perjodu tal-investigazzjoni li komplew ibaxxu l-prezzijiet u l-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni.

(154) Barra minn hekk, it-tnaqqis progressiv fir-ritmu ekonomiku u kapaċità żejda sinifikanti ħafna tal-industrija tal-azzar fir-RPĊ ġieħlu lill-produtturi tal-azzar Ċiniżi biex jimmiraw il-produzzjoni eċċessiva tagħhom lejn swieq tal-esportazzjoni ([1]) u s-suq tal-Unjoni huwa destinazzjoni attraenti għall-esportazzjonijiet.

([1]) Ara pereżempju l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Azzar: Iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir fl-Ewropa" (COM(2016) 155 finali tas-16 ta' Marzu 2016)

(155) Tabilħaqq, numru kbir ta' swieq tal-esportazzjoni tradizzjonalment importanti oħrajn imponew jew qegħdin jikkunsidraw li jimponu miżuri kontra prodotti tal-azzar mir-RPĊ, inklużi pjanċi tqal ([1]), għaliex il-prezzijiet qed jitwaqqgħu b'mod artifiċjali minħabba importazzjonijiet inġusti li jwasslu għal kompetizzjoni dannuża.

(156) Bl-impożizzjoni ta' dejjem aktar miżuri ta' difiża kummerċjali madwar id-dinja, is-suq tal-Unjoni sar wieħed mill-iktar destinazzjonijiet attraenti għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ, għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni.

(157) Din il-konklużjoni hija kkonfermata mill-iktar statistiċi riċenti tal-Eurostat dwar l-importazzjonijiet li juru li l-importazzjonijiet mir-RPĊ komplew jiżdiedu mindu ntemm il-perjodu tal-investigazzjoni. Il-volumi tal-importazzjonijiet għall-perjodu bejn Marzu u Mejju 2016 żdiedu b'madwar 15 % meta mqabblin mal-volumi tal-importazzjonijiet matul il-perjodu tal-investigazzjoni, filwaqt li l-prezzijiet medji ta' dawn l-importazzjonijiet baqgħu jonqsu b'madwar 30 %.

5.2. **L-effetti ta' fatturi oħrajn**

5.2.1. *Il-kompetizzjoni ħarxa kkaġunata mill-problemi fid-domanda fis-suq tal-Unjoni*

(158) Parti interessata minnhom argumentat li d-dannu tal-industrija tal-Unjoni mhuwiex ikkaġunat minn importazzjonijiet mir-RPĊ, iżda mill-problemi fid-domanda fis-suq tal-Unjoni. Argumentat li filwaqt li d-domanda fl-Unjoni rkuprat fl-2014 u matul il-perjodu tal-investigazzjoni, fl-2012 kienet 32 % anqas mill-ogħla livell tal-2007, u fl-2014 kienet 17 % anqas mis-sena allegatament "normali" tal-2004.

(159) Din id-dgħjufija fid-domanda allegatament irriżultat f'kompetizzjoni ħarxa fir-rigward tal-kwantitajiet limitati meħtieġa fis-suq, u din xeħtet pressjoni kbira fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni.

(160) Madankollu, din il-kompetizzjoni ħarxa kkaġunata mill-problemi allegati fid-domanda ma affettwawx b'mod negattiv il-ħila tal-esportaturi mir-RPĊ li jbigħu kwantitajiet dejjem ikbar ta' pjanċi tqal oġġetti ta' dumping fis-suq tal-Unjoni, u b'hekk iżidu s-sehem mis-suq tagħhom minn 4,6 % għal 14,4 %, filwaqt li kkaġunaw telf kważi korrispondenti bl-eżatt għas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni u xeħtu pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet fl-industrija tal-Unjoni li wasslet għall-profittabilità negattiva tagħha.

(161) Filwaqt li l-problemi fid-domanda għall-ewwel kellhom impatt negattiv sinifikanti fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni l-2013, huma l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ li huma l-kawża ewlenija għall-kompetizzjoni ħarxa fis-suq tal-Unjoni, speċjalment fl-2014 u matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(162) Tabilħaqq, fl-2014 u matul il-perjodu tal-investigazzjoni, l-industrija tal-Unjoni setgħet tibbenefika mill-irkupru tas-suq. Ma tħallietx tagħmel dan minħabba żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet mir-RPĊ li żdiedu b'iktar mit-tripplu matul dawn is-sentejn, u ħadu sehem sinifikanti mis-suq għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni.

(163) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-problemi fid-domanda fis-suq tal-Unjoni mhumiex fl-għeruq tad-dannu lill-industrija tal-Unjoni u li dawn ma jkissrux il-kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu lill-industrija tal-Unjoni.

5.2.2. *L-użu baxx tal-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni*

(164) Parti interessata minnhom argumentat li d-dannu tal-industrija tal-Unjoni huwa kkaġunat ukoll minn użu baxx tal-kapaċità, ikkaġunat minn kapaċitajiet eċċessivi sinifikanti tal-produtturi tal-Unjoni. Jargumentaw li mill-2012, meta l-importazzjonijiet mir-RPĊ kienu f'livell relattivament baxx, l-użu tal-kapaċità diġà kien baxx ħafna, u li l-industrija tal-Unjoni ma naqqsitx il-kapaċitajiet tagħha kif xieraq.

(165) Madankollu, id-domanda fl-Unjoni żdiedet b'mod sinifikanti wara, speċjalment fl-2014 u matul il-perjodu tal-investigazzjoni, meta qabżet id-domanda tal-2012 b'6 %. Fin-nuqqas ta' kwantitajiet dejjem akbar ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ, din id-domanda dejjem ikbar kienet twassal għal użu dejjem akbar tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni, speċjalment peress li kienet naqqset il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha bi 2 % f'suq li kien qiegħed jikber.

([1]) Pajjiżi terzi b'miżuri ta' deferenza tal-kummerċ kontra pjanċi tqal mir-RPĊ jinkludu l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, l-Indoneżja, il-Malasja, il-Messiku, it-Tajlandja u l-Istati Uniti.

(166) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-użu baxx tal-kapaċità, speċjalment fl-2014 u matul il-perjodu tal-investigazzjoni, huwa kkaġunat fil-parti l-kbira minn kwantitajiet ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ li bdew jiżdiedu ħafna.

5.2.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn*

(167) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-volum tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-bażi ta' dejta tal-Eurostat. Apparti r-RPĊ, l-importazzjonijiet ġew primarjaemnt mill-Ukrajna u r-Russja. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit billi tqabblu l-volumi tal-importazzjonijiet mal-konsum tal-Unjoni kif irrapportat fit-tabella 3 tal-premessa (87) aktar 'il fuq.

(168) L-importazzjonijiet fl-Unjoni minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppaw matul il-perjodu kunsidrat kif ġej:

Tabella 13

L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi (MT) u l-ishma mis-suq

		2012	2013	2014	PI (2015)
L-Ukrajna	Il-volum tal-importazzjonijiet (MT)	421 553	600 896	713 189	583 132
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*143*	*169*	*138*
	Is-sehem mis-suq	4,7 %	7,1 %	8,1 %	6,2 %
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*152*	*172*	*131*
	Il-prezz medju	574	477	470	451
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*83*	*82*	*79*
Ir-Russja	Il-volum tal-importazzjonijiet (MT)	148 594	158 883	196 207	222 999
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*107*	*132*	*150*
	Is-sehem mis-suq	1,7 %	1,9 %	2,2 %	2,4 %
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*114*	*135*	*143*
	Il-prezz medju	513	461	446	412
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*90*	*87*	*80*
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr ir-RPĊ	Il-volum tal-importazzjonijiet (MT)	1 063 146	1 108 062	1 253 278	1 153 345
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*104*	*118*	*108*
	Is-sehem mis-suq	11,8 %	13,2 %	14,2 %	12,2 %
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*111*	*120*	*103*
	Il-prezz medju	621	516	505	505
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*83*	*81*	*81*

Source: Eurostat

(169) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li dak tal-importazzjonijiet mir-RPĊ żdied b'214 %.

(170) Barra minn hekk, is-sehem mis-suq tal-Ukrajna u r-Russja żdied bi ftit biss matul il-perjodu kkunsidrat. Għall-Ukrajna, is-sehem mis-suq tela' minn 4,7 % għal 6,2 % u għar-Russja minn 1,7 % għal 2,4 % u dan kien għad-detriment ta' pajjiżi importaturi oħrajn apparti r-RPĊ.

(171) Fil-kuntest tal-konsum tal-Unjoni li żdied b'5 % u sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni li naqas b'10 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat, dan ifisser li l-importazzjonijiet mir-RPĊ iggwadanjaw sehem mis-suq mill-industrija tal-Unjoni biss.

(172) Konsegwentement, l-importazzjonijiet mir-RPĊ ammontaw għal madwar 54 % tal-importazzjonijiet kollha fl-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni, filwaqt li l-importazzjonijiet mill-Ukrajna ammontaw għal madwar 23 % u mir-Russja għal 9 %.

(173) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn naqas b'rata ferm inqas mgħaġġla mill-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ. Naqsu bi 19 % filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ naqsu b'29 %.

(174) Għad li l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Ukrajna u r-Russja għadhom bħala medja ftit inqas mill-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ, naqsu b'rata ferm inqas mgħaġġla mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ matul il-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, dawn il-prezzijiet mhux bilfors huma direttament komparabbli, peress li l-prezz medju huwa affettwat minn taħlita ta' prodotti differenti.

(175) Barra minn hekk, il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Ukrajna u r-Russja b'mod partikolari, jew mill-pajjiżi terzi kollha l-oħrajn inġenerali, ma żdidux b'mod sostanzjali bħal dawk mir-RPĊ. Filwaqt li l-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ żdied bi kważi miljun (1) tunnellata matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-importazzjonijiet mill-Ukrajna żdied b'madwar 160 000 tunnellata, dak mir-Russja b'madwar 75 000 tunnellata u dak mill-pajjiżi terzi kollha l-oħrajn (inklużi r-Russja u l-Ukrajna) b'madwar 90 000 tunnellata.

(176) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, u fid-dawl tal-volumi ta' importazzjoni ferm iżgħar mill-Ukrajna u r-Russja meta mqabblin ma' dawk mir-RPĊ, ma hemm ebda indikazzjoni li l-importazzjonijiet minn dawn iż-żewġ pajjiżi kienu qegħdin jikkaġunaw dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(177) Bħala medja, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha l-oħrajn (inklużi r-Russja u l-Ukrajna) għandhom prezzijiet ogħla mir-RPĊ u ggwadanjaw biss sehem mis-suq insinifikanti ta' punt perċentwali wieħed.

(178) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-importazzjonijiet tal-pjanċi tqal minn pajjiżi terzi mhumiex fl-għeruq tad-dannu lill-industrija tal-Unjoni u li dawn ma jkissrux il-kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ u d-dannu lill-industrija tal-Unjoni.

5.2.4. *Il-prestazzjoni tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni*

(179) Il-volum u l-medja tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 14

Il-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet

	2012	2013	2014	PI (2015)
Il-volum tal-esportazzjonijiet lil konsumaturi mhux relatati (*l-industrija tal-Unjoni*)	1 881 932	1 361 279	1 825 628	1 548 156
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*72*	*97*	*82*
Il-prezz medju tal-esportazzjonijiet (EUR/t) *(Produtturi fil-kampjun)*	1 002	831	814	764
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*83*	*81*	*76*

Source: Sottomissjoni verifikata tal-Eurofer u t-tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju

(180) Il-volum tal-esportazzjonijiet lil konsumaturi mhux relatati barra l-Unjoni naqas bi 18 % matul il-perjodu kkunsidrat. Wara li naqas bi 28 % bejn l-2012 u l-2013, żdied b'25 punt perċentwali fl-2014, u reġa' naqas fil-perjodu tal-investigazzjoni bi 15-il punt perċentwali.

(181) F'dak li għandu x'jaqsam mal-prezzijiet, dawn naqsu b'mod sinifikanti b'24 % matul il-perjodu kkunsidrat, u żammew il-pass tat-tnaqqis fil-prezz fis-suq tal-Unjoni (– 25 %).

(182) B'mod ġenerali, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tirrifletti l-prestazzjoni tagħha fis-suq tal-Unjoni. Madankollu, is-suq tal-Unjoni huwa ferm aktar importanti għall-industrija tal-Unjoni mis-swieq tal-esportazzjoni. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-bejgħ fis-suq tal-Unjoni kien madwar 4 darbiet ogħla mill-bejgħ esportat.

(183) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li minħabba s-sinifikat limitat ta' dan il-bejgħ esportat, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma tistax tkisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.5. *Il-kompetizzjoni bejn il-produtturi tal-Unjoni integrati vertikalment u r-riromblaturi fl-Unjoni*

(184) Parti interessata minnhom argumentat li l-marġni tal-profitt tal-produtturi tal-Unjoni integrati vertikalment jitnaqqas minħabba l-prezzijiet inferjuri debitati mir-riromblaturi fl-Unjoni, li allegatament jiddebitaw prezzijiet bejn 6 % u 9 % orħos mill-prezzijiet debitati mill-produtturi integrati vertikalment.

(185) Riromblatur huwa kumpanija li ma tipproduċix il-materjal tal-input tagħha stess, jiġifieri l-qatgħat tal-azzar. Il-produtturi kollha tal-Unjoni fil-kampjun jipproduċu l-qatgħat tal-azzar tagħhom stess u, għalhekk, huma produtturi integrati vertikalment.

(186) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' 29 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni, kif stipulat fil-premessa (99) aktar 'il fuq. Fuq din il-bażi, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ xorta waħda jibqgħu tal-inqas 20 % orħos mill-prezzijiet tar-riromblaturi fl-Unjoni.

(187) L-istess parti argumentat ukoll li l-kwantità prodotta mir-riromblaturi fl-Unjoni qiegħda tonqos, peress li ħafna minnhom jiddependu mill-provvisti ta' qatgħat tal-azzar mill-Ukrajna. Madankollu, din il-provvista mill-Ukrajna naqset minħabba nuqqas ta' provvisti matul il-perjodu kkunsidrat, u li dan it-tnaqqis fil-provvista ma ġiex ikkumpensat mill-produzzjoni tal-produtturi l-oħrajn tal-Unjoni minkejja l-użu baxx tal-kapaċità tagħhom.

(188) F'dan ir-rigward, il-parti ma pprovdiet ebda evidenza li l-produtturi tal-Unjoni ma kinux interessati jew ma kinux lesti li jfornu dawn il-kwantitajiet addizzjonali. Għaldaqstant, jidher ċar li b'mod partikolari dawn il-konsumaturi sensittivi għall-prezz tbiegħdu minn prodotti mmanifatturati mill-industrija tal-Unjoni favur importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet orħos mir-RPĊ.

(189) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tnaqqis fil-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni integrati vertikalment jista' jkun li huwa affettwat b'mod limitat ħafna mill-kwantitajiet dejjem inqas ta' pjanċi tqal bi prezz moderat prodotti mir-riromblaturi fl-Unjoni. Tikkonkludi wkoll li t-tnaqqis fil-profittabilità tagħhom huwa dovut l-aktar għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet ferm orħos li ġejjin mir-RPĊ, li żdiedu fil-kwantità b'mod sinifikanti wkoll.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(190) Kawżalità kienet stabbilita b'mod provviżorju bejn id-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ.

(191) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi magħrufa kollha dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(192) Instab li l-fatturi identifikati l-oħrajn, bħall-kompetizzjoni ħarxa kkaġunata minn problemi fid-domanda, użu baxx tal-kapaċità, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-prestazzjoni tal-bejgħ b'esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni, il-kompetizzjoni bejn produtturi integrati vertikalment u riromblaturi, ma jkissrux il-kawżalità, anki fid-dawl tal-effett kombinat possibbli tagħhom.

(193) It-tnaqqis temporanju fil-konsum fl-2013 seta' kkontribwixxa mhux ħażin għad-dannu f'dik is-sena, iżda finnuqqas ta' volumi dejjem akbar ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet dejjem anqas, l-industrija tal-Unjoni ċertament li kienet tkun tista' tibbenefika wkoll mit-tkabbir fis-suq fis-snin sussegwenti. B'mod partikolari, il-volumi ta' bejgħ kienu jirkupraw, il-prezzijiet tal-bejgħ ma kinux jonqsu f'livelli tant baxxi u kienet tinkiseb profittabilità aħjar.

(194) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li d-dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ u li l-fatturi l-oħra, meqjusin b'mod individwali jew kollettivament ma kissrux il-kawżalità.

6. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(195) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx b'mod ċar tikkonkludi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq valutazzjoni tal-bosta interessi involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

6.1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(196) L-industrija tal-Unjoni tinsab f'14-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit) u kienet tħaddem madwar 20 000 impjegat b'rabta mal-pjanċi tqal matul il-perjodu kkunsidrat.

(197) 26 produttur tal-Unjoni kkooperaw matul l-investigazzjoni. Ħadd mill-produtturi magħrufin ma oppona li tinbeda investigazzjoni. Kif intwera aktar 'il fuq fl-analiżi tal-indikaturi tad-dannu, l-industrija kollha tal-Unjoni esperjenzat deterjorament tas-sitwazzjoni tagħha u ntlaqtet b'mod negattiv mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(198) Il-Kummissjoni tistenna li l-impożizzjoni tad-dazji antidumping provviżorji sejra tirrestawra kundizzjonijiet tal-kummerċ ġust fis-suq tal-Unjoni, u twaqqaf id-dipressjoni tal-prezzijiet u tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tirkupra. Dan jista' jirriżulta f'titjib tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni lejn livelli meqjusin neċessarji għal din l-industrija b'użu intensiv ta' kapital.

(199) L-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mir-RPĊ. Il-Kummissjoni tfakkar li ħafna mill-indikaturi ta' dannu wrew tendenza negattiva matul il-perjodu kkunsidrat. B'mod partikolari, l-indikaturi tad-dannu relatati mal-prestazzjoni finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, bħall-profittabilità u r-redditu fuq l-investiment, ġew affettwati serjament.

(200) Għalhekk huwa importanti li l-prezzijiet jitreġġgħu lura għal-livell mhux oġġett ta' dumping jew tal-anqas mhux dannuż sabiex il-produtturi kollha jkunu jistgħu joperaw f'kundizzjonijiet ta' kummerċ ġust fis-suq tal-Unjoni. Fin-nuqqas ta' miżuri, huwa probabbli ħafna li jkun hemm deterjorament ulterjuri fis-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(201) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni. Kull impożizzjoni ta' miżuri antidumping sejra tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tirkupra mill-effetti tad-dumping dannuż li nstab.

6.2. **L-interess tal-importaturi mhux relatati**

(202) Kif indikat fil-premessa (22) aktar 'il fuq, sitt importaturi jikkooperaw fl-investigazzjoni, u tlieta minnhom iddaħħlu fil-kampjun. Wieħed mill-importaturi fil-kampjun huwa favur il-miżuri filwaqt li ż-żewġ importaturi l-oħrajn fil-kampjun kienu kontra l-impożizzjoni tal-miżuri. It-tliet importaturi l-oħrajn li ma ddaħħlux fil-kampjun ma esprimewx opinjoni.

(203) L-investigazzjoni wriet li żieda fil-prezzijiet minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri ma jkollhiex impatt dirett fuq l-importaturi mhux relatati. Il-pjanċa tqila tkopri 20 % jew inqas min-negozju tagħhom.

(204) Barra minn hekk, ħafna mill-importaturi jinnegozjaw prodotti minn diversi sorsi, inkluża l-industrija tal-Unjoni. Ma hemm ebda indikazzjoni li l-importaturi ma jkunux jistgħu jibqgħu jaqdu lill-konsumaturi tagħhom li kieku kellhom jiġu imposti l-miżuri.

(205) Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri mhijiex ser ikollha effetti sostanzjalment negattivi fuq l-interess tal-importaturi tal-Unjoni.

6.3. **L-interess tal-utenti**

(206) L-industriji tal-utenti finali ewlenin għall-pjanċi tqal huma dawk tat-tagħmir għall-bini, għall-estrazzjoni u għall-qtugħ tas-siġar għall-injam; reċipjenti taħt pressjoni; pipelines taż-żejt u tal-gass; bini ta' bastimenti u pontijiet u bini.

(207) Seba' utenti u tliet ċentri tas-servizzi għan-negozjanti/tal-azzar issottomettew tweġiba għall-kwestjonarju għall-utenti. Madankollu, erba' mit-tweġibiet kien fihom nuqqasijiet serji, u tnejn minnhom biss kienu kontra l-impożizzjoni tal-miżuri. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tittratta dawn is-sottomissjonijiet bħala rappreżentattivi għar-raġunijiet li ġejjin:

— jammontaw biss għal 0,3 % mill-konsum tal-Unjoni.

— iż-żewġ utenti opposti ma jimportawx mir-RPĊ affattu, u b'hekk l-aktar l-aktar sejrin ikunu affettwati b'mod indirett mill-miżuri.

(208) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li d-dazji għandhom jikkontribwixxu għal sigurtà kontinwa tal-provvista fis-suq tal-Unjoni. Minħajr dazji, uħud mill-produtturi tal-Unjoni jaf ikollhom jagħlqu jew inaqqasu l-attivitajiet tal-produzzjoni tagħhom u jħallu lil ħafna utenti tal-Unjoni b'sorsi aktar limitati ta' provvista.

(209) Tabilħaqq, wieħed mill-produtturi fil-kampjun waqqaf il-produzzjoni tal-pjanċi tqal fi tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni, kif ġie indikat fil-premessa (104) aktar 'il fuq.

(210) Barra minn hekk, il-livell ta' miżuri sejjer iwassal għal kundizzjonijiet ekwi għall-produtturi kollha fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, li jista' jippermetti lil dan il-produttur tal-Unjoni jerġa' jibda jipproduċi pjanċi tqal.

(211) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri mhuwiex sejjer ikollha xi impatt negattiv sproporzjonat fuq l-utenti.

6.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(212) Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi b'mod provviżorju li l-impożizzjoni tal-miżuri tikkontribwixxi għall-irkupru tal-industrija tal-Unjoni u tippermetti għal investimenti akbar sabiex il-produtturi fl-Unjoni tal-pjanċa tqila jkunu ppreparati aħjar għall-ġejjieni u jsaħħu l-kompetittività tagħhom.

(213) L-industrija tal-Unjoni diġà għamlet ristrutturar qawwi fl-imgħoddi (riċenti). Minħajr dazji, produtturi mill-Unjoni oħrajn tal-pjanċa tqila jaf ikollhom jagħlqu jew inaqqsu l-attivitajiet tal-pjanċi tqal tagħhom, jagħtu s-sensja lil mijiet ta' impjegati u jħallu lil ħafna utenti tal-Unjoni b'sorsi limitati ta' provvista.

(214) L-impatt tal-miżuri fuq il-ftit partijiet l-oħrajn tal-Unjoni li daħlu f'kuntatt ma jistax jitqies li huwa sostanzjali. Ma hemm xejn fil-fajl li juri li l-impatt potenzjali fuq partijiet ikkonċernati oħrajn li ma daħlux f'kuntatt jista' jisboq l-effett pożittiv tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni. L-utenti finali u l-konsumaturi huma mistennijin jibbenefikaw minn suq kompetittiv ġust, inkluż sors lokali tal-provvista, li kapaċi jaqdi l-ħtiġijiet u t-talbiet tagħhom. Il-prezz sejjer jibqa' jkun determinant importanti, iżda fuq bażi ġusta.

(215) Wara li qieset kollox, f'dan l-istadju tal-investigazzjoni l-Kummissjoni tikkonkludi li ma hemmx raġunijiet persważivi li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri provviżorji fuq importazzjonijiet ta' pjanċi tqal li joriġinaw mir-RPĊ.

7. MIŻURI ANTIDUMPING PROVVIŻORJI

(216) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, għandhom jiġu imposti miżuri antidumping provviżorji sabiex ma jippermettux li ssir aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

7.1. Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu

(217) Sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' dawn il-miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbilixxiet l-ammont ta' dazju neċessarju sabiex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(218) Id-dannu jiġi eliminat jekk l-industrija tal-Unjoni tkun kapaċi tkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha u tagħmel profitt qabel it-taxxa mill-bejgħ tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni minn industrija ta' dan it-tip fis-settur, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(219) Sabiex jiġi stabbilit dan il-profitt li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun jipprovdu dejta dwar il-profittabilità fir-rigward tal-prodott simili meta nbiegħ fis-suq tal-Unjoni mis-sena 2006 sal-perjodu tal-investigazzjoni. Din l-informazzjoni ġiet ipprovduta u vverifikata.

(220) Il-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kienet negattiva bejn l-2013 u l-perjodu tal-investigazzjoni. Filwaqt li l-profitt fl-2012 kien ftit pożittiv b'1,6 %, diġà kien hemm preżenza sinifikanti ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ, u dan il-marġni ta' profitt kien ferm inqas mill-marġni ta' profitt fis-snin ta' qabel.

(221) Madankollu, fis-sena ta' qabel, fl-2011, inkiseb marġni ta' profitt ta' 7,9 %, li huwa ogħla mill-marġnijiet ta' profitt fl-2009 u fl-2010, jiġifieri l-aħar snin tal-kriżi finanzjarja, iżda anqas mill-marġnijiet ta' profitt fl-2006 sal-2008, jiġifieri qabel il-kriżi finanzjarja. Barra minn hekk, din hija l-aktar dejta riċenti disponibbli raġonevoli li fiha l-imporazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni ma kinux għadhom fi kwantitajiet sinifikanti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li dan il-marġni ta' profitt huwa wieħed li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni.

(222) Imbagħad, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz ta' importazzjoni medju ponderat tal-produtturi esportaturi tar-RPĊ li kkooperaw fil-kampjun, aġġustat kif xieraq għall-ispejjeż tal-importazzjoni u d-dazji doganali, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezzijiet, mal-prezz mingħajr dannu medju ponderat tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ingħatat bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni.

(223) Il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħrajn li kkooperaw" u għal "kumpaniji kollha l-oħrajn" huwa definit bl-istess mod bħall-marġini tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara l-premessi (76)-(80) aktar 'il fuq).

7.2. Miżuri provviżorji

(224) Għandhom jiġu imposti miżuri antidumping provviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-RPĊ, skont ir-regola tal-irħas dazju fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġnijiet tad-dannu u l-marġnijiet tad-dumping. L-ammont tad-dazji għandu jkun stabbilit fil-livell il-baxx tal-marġnijiet tad-dumping u dak tad-dannu.

(225) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, ir-rati ta' dazju antidumping provviżorji, mogħtija skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazji doganali mhux imħallsa, għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Marġini tad-dumping	Marġni tad-dannu	Dazju provviżorju
Nanjing Iron and Steel Co., Ltd.	120,1 %	73,1 %	73,1 %
Minmetals Yingkou Medium Plate Co., Ltd	126,0 %	65,1 %	65,1 %

Kumpanija	Marġini tad-dumping	Marġni tad-dannu	Dazju provviżorju
Wuyang Iron and Steel Co., Ltd u Wuyang New Heavy & Wide Steel Plate Co., Ltd	127,6 %	73,7 %	73,7 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	125,5 %	70,6 %	70,6 %
Il-kumpaniji kollha l-oħrajn	127,6 %	73,7 %	73,7 %

(226) Ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tal-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji.

(227) Dawn ir-rati ta' dazju huma esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ u prodott mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmijin b'mod speċifiku, għandhom ikunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Dawn ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi rata individwali ta' dazju antidumping.

(228) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju antidumping individwali jekk tibdel l-isem tal-entità tagħha jew tistabbilixxi entità ta' produzzjoni jew ta' bejgħ ġdida. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([1]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li jintwera li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma jaffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, avviż dwar il-bidla tal-isem jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(229) Biex ikun żgurat infurzar xieraq tad-dazji antidumping, ir-rata tad-dazju antidumping għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" għandha tkun applikata mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, imma anki għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

8. **REĠISTRAZZJONI**

(230) Kif intqal fil-premessa (5) aktar 'il fuq, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-RPĊ soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1357.

(231) Dan sar fid-dawl tal-possibbiltà tal-applikazzjoni retroattiva tal-miżuri antidumping, skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. Ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet għandha tieqaf. F'dan l-istadju tal-proċediment ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar applikazzjoni retroattiva possibbli tal-miżuri antidumping.

9. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(232) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni sejra tistieden lill-partijiet interessati sabiex iressqu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew l-Uffiċjal tas-Seduta għad-DĠ Kummerċ fi żmien skadenza fissa.

(233) Il-konklużjonijiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji huma provviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

([1]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, Rue de la Loi 170, 1040 Brussels, Belgium.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qiegħed jiġi impost dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti ċatti ta' azzar illigat jew mhux illigat (bl-esklużjoni tal-azzar inossidabbli, azzar tas-siliċju-elettriku, azzar tal-għodda u azzar għal veloċità għolja), b'laminazzjoni termali, mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, mhux f'kolji, bi ħxuna ta' aktar minn 10 mm u wisa' ta' 600 mm jew aktar jew bi ħxuna ta' 4,75 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 10 mm u wisa' ta' 2 050 mm jew aktar, li fil-preżent jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7208 51 20, ex 7208 51 91, ex 7208 51 98, ex 7208 52 91, ex 7208 90 20, ex 7208 90 80, 7225 40 40, ex 7225 40 60 u ex 7225 99 00 (kodiċijiet TARIC: 7208 51 20 10, 7208 51 91 10, 7208 51 98 10, 7208 52 91 10, 7208 90 20 10, 7208 90 80 20, 7225 40 60 10, 7225 99 00 30) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju antidumping provviżorju applikabbli għall-prezz nett, bla ħlas fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, sejrin ikunu kif ġej:

Kumpanija	Ir-rata tad-dazju provviżorja	Il-Kodiċi Addizzjonali TARIC
Nanjing Iron and Steel Co., Ltd.	73,1 %	C143
Minmetals Yingkou Medium Plate Co., Ltd	65,1 %	C144
Wuyang Iron and Steel Co., Ltd u Wuyang New Heavy & Wide Steel Plate Co., Ltd	73,7 %	C145
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	70,6 %	
Il-kumpaniji kollha l-oħrajn	73,7 %	C999

3. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 huwa soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Fi żmien 25 jum kalendarju mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, il-partijiet interessati jistgħu:

(a) jitolbu l-iżvelar tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament;

(b) jippreżentaw il-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni; kif ukoll

(c) jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali.

2. Fi żmien 25 jum kalendarju mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, il-partijiet imsemmijin fl-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 jistgħu jikkummentaw dwar l-applikazzjoni tal-miżuri provviżorji.

Artikolu 3

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita skont l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1357.

2. Id-dejta miġbura fir-rigward ta' prodotti li jkunu ddaħħlu mhux iktar minn 90 jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sejra tinżamm sakemm jiddaħħlu fis-seħħ miżuri definittivi possibbli, jew sakemm jintemm dan il-proċediment.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Esportaturi Ċiniżi li kooperaw mhux inklużi fil-kampjun

Isem	Belt	Kodiċi addizzjonali TARIC
Angang Steel Company Limited	Anshan, Liaoning	C150
Inner Mongolia Baotou Steel Union Co., Ltd.	Baotou, Inner Mongolia	C151
Zhangjiagang Shajing Heavy Plate Co., Ltd.	Zhangjiagang, Jiangsu	C146
Jiangsu Tiangong Tools Company Limited	Danyang, Jiangsu	C155
Jiangyin Xingcheng Special Steel Works Co., Ltd.	Jiangyin, Jiangsu	C147
Laiwu Steel Yinshan Section Co., Ltd.	Laiwu, Shandong	C154
Nanyang Hanye Special Steel Co., Ltd.	Xixia, Henan	C152
Qinhuangdao Shouqin Metal Materials Co., Ltd.	Qinhuangdao, Hebei	C153
Shandong Iron & Steel Co., Ltd., Jinan Company	Jinan, Shandong	C149
Wuhan Iron and Steel Co., Ltd.	Wuhan, Hubei	C156
Xinyu Iron & Steel Co., Ltd.	Xinyu, Jiangxi	C148